MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2004

Numru. 970/2003

Il-Pulizija
(Spettur Christopher Pullicino)
vs
Joseph Bongailas

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Bongailas, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 8483 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli talli :
1. Fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Gunju 2003 f'Hal Ghaxaq, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom 'domestic appliances' u ghodda minn kamra f'ghalqa sitwata fil-limiti ta' Karac, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li huwa izjed minn mitt lira Maltin, izda ma jiskorrix l-elf lira Maltin ghad-detriment ta' Joseph Bartolo;
2. U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza

moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Semghet lill-imputat iwiegeb illi kien hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu  u dan meta sarulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali. Tat zmien xieraq lill-imputat sabiex jikkunsidera l-posizzjoni tieghu, wissietu bil-konsegwenzi ai termini tal-Artikolu 392 (a) tal-Kodici Kriminali;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Illi l-Qorti kienet iddifferiet il-kawza u fid-data meta regghet instemghet il-kawza u cioe’ fit-13 ta’ Ottubru 2004 l-imputat, debitament assistit, rega’ sostna illi ried jirregistra ammissjoni.

Illi fuq ammissjoni ta’ l-imputat fuq imsemmi ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu il-Qorti issibu hati ta’ dawn l-akkuzi, wara illi rat l-Artikoli 261, 261 (b), 261 (c), 261 (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 49, 50, 17, 20 u 31 tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-hati ikkopera ferm mieghu matul l-investigazzjoni, kif ukoll il-fatt illi r-refurtiva giet rikuperata kollha mill-pulizija u giet mghoddija lil sidha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li qieset dawn ic-cirkostanzi kollha, kif ukoll il-fatt illi l-imputat ma ghandux xi fedina penali allarmanti, filwaqt illi tikkundannah ghall-prigunerija ta’ tmintax il-xahar, tordna illi din il-prigunerija ma ghandhiex tigi fis-sehh sa kemm il-hati ma jikkommettix

reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perjodu ta’ sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------